MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 142/2004/1

**Dr. Kevin F. Dingli u Dr. Tonio Grech bhala mandatarji specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Solstad Rederi AS tan-Norvegja, sid il-bastiment NORMAND CARRIER, registrat in-Norvegja.**

**v.**

**Joseph Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Libjana Nour Al Haiat Fisheries bhala proprjetarja tal-bastimenti tas-sajd KHALEEJ ETTEHADDI u NARWAS, registrati fil-Libja; u**

**Philip Grech ghan-nom u in rapprezentanza tal-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika bhala proprjetarju tal-bastiment**
**USNS JOHN LENTHALL; u**

**Cassar Ship Repair Ltd. proprjetarja tal-floating barrier li kien imdawwar mal-bastiment USNS JOHN LENTHALL u b'digriet**
**tal-4 ta' Mejju, 2004 zdiedu l-intimati Malta Shipyards Limited**
**bhala proprjetarja tal-Hull 128 u proprjeta` ohra.**

## Il-Qorti:

B'rikors ipprezentat fit-22 ta' April, 2004 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, r-rikorrenti Dr. Kevin F. Dingli et nomine ppremettew:-

Illi s-socjeta` rikorrenti estera hija s-sid tal-bastiment NORMAND CARRIER registrat fin-Norvegja.

Illi s-socjeta` intimata Nour AL HAIAT FISHERIES tal-Libja hija s-sid tal-bastimenti tas-sajd KHALEEJ ETTEHADDI u NARWAS, registrati fil-Libja.

Illi l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika huwa sid tal-bastiment navali awziljari USNS JOHN LENTHALL.

Illi fis-16 ta' April, 2004, ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija saret kollizzjoni fi French Creek fil-Port il-Kbir ta' Malta bejn il-bastiment NORMAND CARRIER proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti estera u l-bastimenti libjani KHALEEJ ETTEHADDI u NARWAS u l-bastiment amerikan USNS JOHN LENTHALL.

Illi l-kollizzjoni fuq imsemmija grat konsegwenza ta' hsara mekkanika u/jew elettrika mhux mistennija li avverat ruhha fil-makkinarju abbord il-bastiment NORMAND CARRIER proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti estera waqt li dan kien qieghed jimmanuvra fl-imsemmi French Creek fil-Port il-Kbir ta' Malta taht is-sorveljanza tac-Chief pilot Jesmond Mifsud sabiex minn go Dock numru 5 tal-Malta Drydocks

jipprocedi ghal layby berth f'Deep Water Quay go l-istess Port il-Kbir.
Illi kemm-il bastiment NORMAND CARRIER kif ukoll il-bastimenti libjani KHALEEJ ETTEHADDI u NARWAS u l-bastiment USNS JOHN LENTHALL garrbu hsarat bhala konsegwenza tal-kollizzjoni.

Illi bhala konsegwenza tal-habta saret ukoll hsara lill-floating barrier proprjeta` tas-socjeta` intimata Cassar Ship Repair Ltd., li kien imdawwar mal-bastiment amerikan USNS JOHN LENTHALL kif ukoll lil Hull 128 u proprjeta` ohra tas-socjeta` Malta Shipyards Limited.

Illi s-socjeta` rikorrenti estera ghandha d-dritt tillimita kwalunkwe responsabilita` li jista` jkollha skond il-ligi ai termini ta' l-Artikoli 347 sa 362 ta' l-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta).
Illi ai termini ta' l-artikolu 349(1) ta' l-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili is-sid ta' bastiment mhux responsabbli ghal aktar mill-ammont stipulat fl-Artikolu 350 meta hemm dannu ikkawzat lil xi proprjeta` u d-dannu ma jkunx sar b'"actual fault or privity" tas-sid tal-bastiment.

Illi l-habta ma setghet saret qatt minhabba l-"actual fault or privity" tas-sidien tal-bastiment NORMAND CARRIER u cioe` tas-socjeta` rikorrenti.

Illi ai termini ta' l-artikolu 350(1)(b) ta' l-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili is-socjeta` rikorrenti ghandha d-dritt tillimita r-responsabilita` li jista' jkollha u li mhijiex responsabbli ghal aktar minn massimu ta' "one thousand gold francs for each ton of ship's tonnage."
Illi t-tunnellagg tal-bastiment ai termini ta' l-artikolu 350(3)(b) huwa ta' 1759 (elf, seba' mija u disgha u hamsin) tunnellata maghmul mill-addizzjoni tat-tunnellagg tal-bastiment skond l-International Tonnage Certificate tieghu, u cioe` 1464 (kopja hawn annessa u markata Dok. KD 2) u t-tunnellagg ta' l-ispajzu tal-makni skond certifikat mahrug mill-Ing. Paul L. Cardona, u cioe` 295 (kopja tac-certifikat hawn anness u markata DOK. KD3).

Illi skond l-Artikolu 2 ta' l-Att Legali numru 63 ta' l-1975, 1000 gold francs huma LM29.42 (disgha u ghoxrin lira maltin u tnejn u erbghin centezimu).

Illi skond l-Artikoli 349 u 350 ta' l-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili,l-International Tonnage Certificate tal-bastiment (Dok. KD2), ic-certifikat ta' l-Ing. Paul L. Cardona (Dok. KD3) u l-artikolu 2 ta' l-Att Legali numru 63 ta' l-1975, is-socjeta` rikorrenti sid il-bastiment NORMAND CARRIER ghandha dritt li tillimita kwalunkwe responsabilita` li din jista' jkollha versu l-intimati ghas-somma komplessiva ta' wiehed u hamsin elf, seba' mija u disgha u erbghin lira maltin u tlienja u sebghin centezimu (LM51,749.78).

Illi skond l-Artikolu 355 ta' l-Att Dwar il-bastimenti Merkantili, din l-Onorabbli Qorti ghandha l-poter permezz ta' dawn il-proceduri li tiddetermina u tistabilixxi l-limitu ta' xi eventwali responsabilita` tas-socjeta` rikorrenti.
Wara li ppremettiet dan kollu s-socjeta` rikorrenti talbet li dik l-Qorti:-

1. tiddikjara li ai termini ta' l-Artikoli 349 u 350 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili kif ukoll ai termini ta' l-Artikolu 2 ta' l-Att [recte: Avviz] Legali numru 63 ta' l-1975, is-socjeta` rikorrenti estera ghandha d-dritt li tillimita r-responsabilita` li jista' jkollha ghal LM29.42 (disgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu) ghal kull tunnellata tat-tunnellagg tal-bastiment u dan anke qabel kwalunkwe decizjoni finali fuq il-mertu dwar responsabilita` ghall-kollizzjoni bejn il-bastiment tas-socjeta` rikorrenti u l-bastimenti u proprjeta` ohra ta' l-intimati;

2. tiddikjara li ai termini ta' l-artikolu 350(3)(b) ta' l-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili it-tunnellagg tal-bastiment NORMAND CARRIER huwa ta' elf, seba' mija u disgha u hamsin (1759) tunnellati;

3. tiddikjara li l-limitu ta' responsabilita` tas-socjeta` rikorrenti skond il-ligi fic-cirkostanzi fuq spjegati hija ta' wiehed u hamsin elf u seba' mija u disgha u erbghin lira u tmienja u sebghin centezmu (LM51,749.78); u

4. tordna lis-socjeta` rikorrenti tiddepozita tali ammont ta' wiehed u hamsin elf, seba' mija u disgha u erbghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezimu (LM51,749.78), fir-registru ta' dik l-Onorabbli Qorti sabiex dan l-ammont jintuza ghall-hlas ta' danni rigward hsara fil-proprjeta` fl-eventwalita` li f'xi proceduri ohra il-Qorti issib u tiddecidi li s-socjeta` rikorrenti ghandha ggorr xi responsabilita` ghall-habta bejn il-bastiment NORMAND CARRIER proprjeta` taghha u l-bastimenti libjani KHALEEJ ETTEHADDI u NARWAS u l-bastiment amerikan USNS JOHN LENTHALL.

Illi l-intimat Philip Grech nomine b'risposta intavolata fis-27 ta' April, 2004 qal is-segwenti:-

Illi skond l-Att Dwar il-Bastimenti sta ghas-sid ta' bastiment illi jipprova illi ghandu dritt jillimita kwalunkwe responsabbilita` li jista` jkollu ghal xi hsarat li jkun ikkaguna l-bastiment tieghu, haga li certament ma ppruvax sid il-bastiment f'dan l-istadju billi kull ma hemm fl-atti tar-rikors hija dikjarazzjoni gratuwita korroborata bl-ebda prova kwalsiasi maghmula mill-mandatarji specjali ta' sid il-bastiment l-Avukati Kevin Dingli u Tonio Grech li certament bl-ebda mod ma jisghu jigu kkunsidrati xi esperti fuq kif jahdem l-"isteering gear" tal-bastiment NORMAND CARRIER.

Illi kif jintqal fic-"Chorley and Giles", tmien edizzjoni a fol. 42 ta' l-istess ktieb, meta jitkellem fuq id-dritt ta' sid ta' bastiment li jillimita l-ammont tad-danni li jkun ikkaguna : "The burden of proof is on the ship owner to show that he has not been guilty of 'actual fault or privity'. This may be very difficult to show."

Illi l-esponenti nomine jerga' jinsisti illi f'dan l-istadju mhux talli ma rnexxilhomx is-sidien tal-bastiment NORMAND CARRIER jippruvaw li ma kellhomx tort, izda m'hemm l-ebda prova ta' xejn dwar x'wassal ghall-incident de quo hlief li l-bastiment NORMAND CARRIER tilef il-kontroll waqt li hiereg mid-Dockyard u baqa' diehel fi u kisser tlett bastimenti. Certament li dan huwa fatt ippruvat u se mai il-

prova prima facie s'issa hi illi t-tort tal-hsarat li gew ikkagunati fuq il-USNS JOHN LENTHALL ma kienet ta' hadd hlief tal-vapur Norvegiz.

Illi bla pregudizzju ghal dak li ntqal fl-ewwel paragrafu la darba l-inkjesta dwar il-kollizzjoni li sehhet fil-Port fis-16 ta' April 2004 ghadha ma nghalqitx, se mai wiehed jista' biss jikkummenta dwar dak li gara meta tinghalaq l-inkjesta u l-partijiet interessati jkollhom il-fakulta` li jaqraw ix-xhieda li tittiehed u r-rizultanzi ta' l-inkjesta.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess l-esponenti nomine jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad l-erba' talbiet kontenuti fir-rikors promotorju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti nomine et.

B'risposta intavolata fit-3 ta' Mejju, 2004 l-intimat Joseph Fenech nomine qal hekk:-

Illi, fl-ewwel lok, il-procedura adoperata mir-rikorrenti, u partikolarment il-kreazzjoni ta' fond ta' limitazzjoni ghandha tkun iddettata unikament minn fejn attwalment jigu ntavolati l-proceduri ghad-danni bhala rizultat ta' l-incident 'de quo', ossia l-'lex fori' u mhux minn ghazla tas-sid sabiex jottjeni l-akbar vantagg a detriment ta' l-intimati – dan huwa dovut kemm minhabba fil-problemi li jistghu jinqalghu la darba tinghata sentenza f'pajjiz iehor fejn tkun giet intavolata kawza, kif ukoll minhabba fil-fatt li l-kreazzjoni ta' tali fond hija biss att procedurali li, ghalhekk ghandha tigi regolata mill-ligi tal-pajjiz fejn attwalment jigu ntavolati l-proceduri – fil-kaz odjern, il-proceduri fil-Gurisdizzjoni Maltija ghadhom ma nbdewx, kemm mill-intimat inniffsu, kif ukoll mill-intimati l-ohra, u l-intimat huwa fil-procint illi jintavola proceduri ghall-danni fil-pajjiz fejn ir-rikorrent jopera, ossija n-Norvegja.

Illi, fit-tieni lok, il-fakolta` moghtija lis-sid ta' bastiment sabiex jillimita d-danni tieghu, la darba il-kwistjoni tad-danni hija intavolata fil-gurisdizzjoni maltija, hija bbazata fuq il-fatt li tali danni ma kienux ir-rizultat ta' htija jew partecipazzjoni effettiva da parte tas-sid jew dipendenti

tieghu, liema fatti jridu jigu ppruvati unikament mir-rikorrent waqt il-mori ta’ dana r-rikors.

Illi, fit-tielet lok, minkejja li fl-incident meritu ta’ dana r-rikors, tlett bastimenti separati kienu involuti f’kollizzjoni mal-bastiment tar-rikorrent, kull wiehed mill-kollizzjonijiet ghandu jitqies bhala okkazzjoni separata, u ghalhekk fl-eventwalita` li jigi stabbilit il-limitu ta’ responsabbilta`, tali limitu ghandu jinhareg ghal kull wiehed mill-okkazzjonijiet separati, tenut kont ukoll tal-fatt jekk attwalment azzjoni ghall-danni tkun giet intavolata jew le fil-gurisdizzjoni maltija.

Illi, fir-raba’ lok, kwalsiasi limitazzjoni li tigi imposta minn dina l-onorabbli Qorti, jekk ikun il-kaz, ghandu jinkludi wkoll spejjez u interessi legali.

Illi, fil-hames lok, id-dritt moghti lis-sidien sabiex jillimitaw id-danni taghhom hija marbuta mal-accettazzjoni taghhom illi huma responsabbli ghall-incident innifsu, liema accettazzjoni trid issir minnhom jew inkellha tigi imposta fuqhom minn dina l-Onorabbli Qorti wara li tkun evalwat il-fatti kollha tal-kaz.

Illi, fl-ahhar lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-eventwalita` illi tinghata il-facilita` lis-sid sabiex japplika l-limitazzjoni lilu moghtija ai termini tal-ligi, dina l-limitazzjoni ghandha tkun dik in vigore dak inhar illi jinghata d-digriet ta' dina l-Qorti u mhux id-data meta giet intavolata ir-rikjesta.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitolbu illi t-talba kif dedotta mir-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

**Id-digriet appellat.**

Fis-26 ta’ Mejju, 2004 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat s-segwenti digriet:-

“Il-Qorti

Rat ir-rikors tat-22 ta’ April 2004;

Rat id-digriet taghha precedenti;
Rat ir-risposti li tressqu minn uhud mill-intimati;
Rat l-atti kollha processwali u d-dokumenti esebiti;
Rat l-Artikoli 349 u 350 ta’ l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234);

Peress illi mill-atti processwali ma jirrizultax prima facie li l-dannu in kwistjoni ma sarx minghajr l’ “actual fault or privity” tas-sid tal-bastiment, u dana peress li din il-Qorti mhux sodisfatta prima facie li ghal incident in kwistjoni sid il-bastiment ghandu jigi eskoplat minn kull tort jew htija;
Tichad it-talba.”

**L-appell tas-socjeta` rikorrenti.**

Is-socjeta` rikorrenti hasset ruhha aggravata bid-digriet fuq riportat u ghalhekk b’rikorsipprezentata fil-31 ta’ Mejju, 2004 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka d-digriet *in camera* moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Mejju, 2004 fir-rikors fl-ismijiet premessi u tirrinvija l-atti kollha lill-istess Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex l-istess rikors jigi trattat u deciz skond il-ligi, jew subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, u f’kaz biss illi dina l-Onorabbli Qorti kellha tichad l-ewwel talba ta’ l-esponenti, tiddecidi minflok billi tilqa’ it-talbiet ta’ l-esponenti kif dedotti fir-rikors promotorju, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

L-aggravji mressqa mis-socjeta` appellanti huma tnejn u cioe`:-

a) Illi l-ewwel Qorti iddecidiet fuq il-mertu tar-rikors promotorju minghajr ma appuntat l-istess rikors u semghet il-provi skond il-ligi.

b) Illi fi kwalunkwe kaz l-ewwel Qorti ma kienitx gustifikata li tichad it-talba billi l-provi li jinsabu in atti kienu bizzejjed biex jiggustifikaw l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti.

Il-Malta Shipyards Limited ipprezentat risposta fit-23 ta' Gunju, 2004 fejn irrilevat li l-procedura adottata mis-socjeta` rikorrenti kienet irrita u nulla nkwantu l-provvediment tas-26 ta' Mejju, 2004 kien digriet kamerali u bhala tali r-rikorrenti kellhom jipprocedu bl-impunjattiva tad-digriet permezz ta' citazzjoni bil-process ordinarju. Fil-mertu qed jigi sottomess li d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti kienet korretta u ghandha tigi konfermata billi ma saritx il-prova li l-incident u l-hsara konsegwenzjali saret minghajr htija jew partecipazzjoni effettiva tar-rikorrenti nomine.

Rat ir-risposta ta' Philip Grech nomine prezentata fil-25 ta' Gunju, 2004 fejn gie sottomess li d-digriet fejn it-talbiet tar-rikorrenti appellanti gew michuda huwa gust u konsegwentement, ghar-ragunijiet esposti fl-istess risposta, jimmerita konferma bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellanti.
Rat ir-risposta ta' Joseph Fenech nomine fejn ukoll gie sottomess li d-digriet huwa wiehed gust u ghalhekk, anke ghar-ragunijiet hemm esposti, kellu jigi konfermat.

Ittrattat l-appell.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-pregudizzjali sollevata mill-intimat Malta Shipyards Limited jigi rilevat li fl-Artikolu 355 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta hemm dispost li proceduri simili ghandhom jitressqu quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili permezz ta' rikors u minn kull decizzjoni moghtija fir-rigward jkun hemm dritt ta' appell lil din il-Qorti. Il-provvediment tal-Prim Awla tal-Qorti Civli tas-26 ta' Mejju, 2004 ma jirrikjedix proceduri bl-impunjattiva permezz ta' citazzjoni billi hija l-istess ligi li tipprovdi x'ghandu jsir meta l-parti sokkombenti tixtieq tikkontesta d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti. L-eccezzjoni tal-Malta Shippyards Ltd qeghda ghalhekk tigi michuda.

L-ewwel aggravju sollevat mis-socjeta` appellanti jolqot l-aspett procedurali tal-kwistjoni billi qed jinghad li bil-mod kif inghata l-provvediment fis-26 ta' Mejju, 2004 gew lezi d-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti meta l-kawza ma gietx

appuntata ghas-smigh u konsegwentement l-istess socjeta` ma nghatatx l-possibilita` li tressaq il-provi biex tissostanzja t-talbiet taghha.

Jkun utili f'dan l-istadju li jigi riprodott verbatim l-artikolu relevanti tal-Kap 234 li a bazi tieghu gew istitwiti dawn il-proceduri:
"355(1) Meta jigi allegat li xi persuna tkun dahlet ghal responsabbilita` dwar grajja li dwarha r-responsabbilita` hi limitata skond din it-Taqsima ta' dan l-Att, u jkunu saru jew ikunu mistennija talbiet dwar dik ir-responsabbilita`, dik il-persuna tista' taghmel rikors lil Qorti Civili, Prim Awla, sabiex tistabbilixxi l-ammont tar-responsabbilita` taghha u biex dak l-ammont jitqassam ratealment fost min jaghmel it-talbiet, u f'kull kaz bhal dan il-Qorti Civili, Prim Awla tista' twaqqaf kull procedimenti li jkunu qed isiru dwar l-istess kwistjoni, u kull Qorti ohra tista', fuq rikors ghal hekk u b'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' ligi, tittrasferixxi kull procediment bhal dak biex jistenna u jigi deciz mill-Qorti Civili, Prim Awla. Il-Qorti Civili, Prim Awla, u fuq appell il-Qorti ta' l-Appell, tista' f'kull wahda mill-imsemmija cirkostanzi tipprocedi b'dak il-mod u skond dik il-procedura biex tikkjama fil-kawza persuni u biex teskludi min jaghmel talbiet mhux f'certu zmien, u biex titlob garanzija minghand ir-rikorrent, u dwar il-hlas ta' kull spejjez, kif il-qorti jidhrilha xieraq." (sottolinear ta' din il-Qorti).

L-Artikolu 161 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi li, bhala regola generali, procedimenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, ordinarjament jitmexxew b'citazzjoni. Izda s-subartikolu (2) ta' l-istess Artikolu jiddisponi li tali procedimenti jistghu jitmexxew b'rikors fil-kazijiet preskritti bi jew skond il-ligi. Ma hemmx dubbju li dak li hu dispost fl-Artikolu 355 tal-Kap 234 jinkwadra f'dak li hu dispost fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 161 tal-Kap 12 fuq citata b'mod li ghalhekk il-proceduri istitwiti permezz ta' rikors, bhal ma kienu dawn prezenti, ghandhom jircievu l-istess trattament daqs li kieku dawn l-istess proceduri gew istitwiti permezz ta' citazzjoni.

Issa minn qari akkurat ta’ l-Artikolu 355 tal-Kap. 234, kif ukoll tal-provvedimenti l-ohra li jigu qablu u li jaqghu taht it-Taqsima IX ta’ l-istess Kap. 234, jidher li l-Qorti Civili, Prim Awla li tigi adita b’rikors simili, mhux limitata ghas-semplici konsiderazzjoni jekk t-talba hijiex ammissbbli “prima facie” kif donna kkunsidrata l-ewwel qorti fid-digriet taghha tas-26 ta’ Mejju, 2004. L-obbligu ta’ dik il-Qorti jestendi oltre din il-konsiderazzjoni superficjali tat-talbiet kontenuti fir-rikors. Infatti minn imkien fit-Taqsima IX tal-Kap 234 ma jista’ jinftiehem dan. Tant hu hekk li mal-prezentata ta’ rikors simili, l-istess Artikolu 355 jaghti poteri kbar lil dik il-Qorti li tigi adita a tenur tat-Taqsima IX ta’ l-istess Kap 234 billi dik l-istess qorti tkun fid-dmir li:-

a) tiddetermina fl-ewwel lok jekk, ghal kaz partikolari, ghandhomx japplikaw l-Artikoli 349 u 350 ta’ l-istess Kap 234;

b) fit-tieni lok, u f’kaz li l-ewwel qorti tasal biex tiddecidi li l-kaz jaqa’ taht dawn l-Artikoli, ghandha tghaddi biex tistabilixxi l-ammont ta’ responsabbilita` tal-parti rikorrenti; u

c) finalment l-ammont hekk dikjarat dovut, jitqassam ratealment fost min jaghmel it-talbiet.

Fl-esekuzzjoni ta’ dan l-obbligu dik il-Qorti hija moghtija poteri assoluti nkwantu ghandha d-dritt li twaqqaf kull procedimenti li jkunu qed isiru dwar l-istess kwistjoni pendenti l-ezitu tal-proceduri istitwiti bir-rikors tal-parti li “tkun dahlet ghal responsabbilita` dwar grajja li dwarha r-respondabbilita` hi limitata” skond l-istess Taqsima. Inoltre kull Qorti ohra tista`, fuq rikors ghal hekk, tittrasferixxi kull procediment iehor biex jistenna u jigi deciz mill-istess Qorti Civili, Prim Awla.

Jidher li t-talbiet fir-rikors promotur huma mibnija fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 355 fuq citat billi wkoll hemm talba sabiex, wara li jigi stabbilit li ghandhom japplikaw ghal kaz l-Artikoli 349 u 350 tal-Kap. 234, tinhareg ordni sabiex l-ammont hekk dikjarat dovut jigi depozitat fir-Registru tal-Qorti a tenur ta’ l-istess Artikolu.

Minn dan kollu jidher car li meta l-ewwel Qorti pprovdiet billi qalet li “Peress illi mill-atti processwali ma jirrizultax prima facie li d-dannu in kwistjoni ma sarx minghajr l-“actual fault or privity” tas-sid tal-bastiment, u dan peress li din il-Qorti mhux sodisfatta prima facie li ghal incident in kwistjoni sid il-bastiment ghandu jigi eskolpat minn kull tort jew htija” dik l-istess Qorti kienet naqset billi fl-ewwel lok ma rrispettatx l-provvedimenti tal-Kap 12 meta ma appuntatax l-“kawza” ghas-smigh, naqset ukoll billi ma tatx l-opportunita` lill-parti li kienet qed tressaq t-talbiet li tipproduci provi in sostenn tat-talbiet taghha u finalment naqset milli tipprovdi kif huwa preskritt fl-Artikolu 355. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant huwa gustifikat.

Illi dwar it-tieni aggravju din il-Qorti hija tal-fehma li kull pronunzjament taghha jkun prematur billi ma tistax tiddecidi l-mertu jekk, kif inghad hawn fuq, l-partijiet ma nghatawx l-opportunita` li jressqu l-provi taghhom u fi kwalunkwe kaz dan l-aspett tal-kwistjoni jrid jigi epurat in prim istanza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell interpost mis-socjeta` rikorrenti qed jigi milqugh u konsegwentement id-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta’ Mejju, 2004 qed jigi revokat u l-atti qed jigu rinvjati lill-Qorti ta’ l-Ewwel Istanza biex dik il-Qorti, wara li tipprocedi a tenur ta’ dak li inghad hawn fuq u skond dak li jipprovdi l-Artikolu 355 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddecidi l-kaz skond il-ligi.

Fic-cirkostanzi li spejjez in prima istanza u dawk ta’ dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------